MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 520/2001/1

**Middle Sea Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha John Galea abbazi tal-polza ta' l-assikurazzjoni u tal-ligi u l-istess John Galea**

**Vs**

**Ivan Giliberti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-28 ta' Mejju, 2001, fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut illi jhallas is-somma komplessiva ta' mitejn u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm296.65) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi CRX 015 u LEL 124, liema danni gew kawzati b'rizultat tal-kollizjoni li grat fil-11 ta' Lulju, 2000, fi Triq San Gorg, San Giljan, stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba

traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Ghalkemm l-eccipjent jammetti l-htija tieghu ghall-incident tat-traffiku meritu ta’ din il-kawza, il-quantum tad-danni pretiz mis-socjeta’ attrici huwa kontestat stante li huwa esagerat, eccessiv u ma jirriflettix id-danni li l-eccipjent ikkaguna lit-terz fl-istess incident.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fi Triq San Gorg, San Giljan, fil-11 ta’ Lulju, 2000, bejn il-vettura Honda bin-numru CRX 015 misjuqa minn John Galea u l-mutur bin-numru LEL 124 misjuq mill-konvenut Ivan Giliberti.

Fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tieghu, l-konvenut Giliberti ammetta r-responsabbilta ta’ l-incident, izda kkontesta l-“quantum” tad-danni.  Ghalhekk, il-Qorti mhijiex ser tidhol fil-kwistjoni tar-responsabbilta’ u ser tillimita ruhha ghall-kap tad-danni.

Irrizulta mill-provi li wara li sar rapport lill-kumpanija assikuratrici, dina baghtet lis-*surveyor,* is-Sur John Borg Bellanti sabiex jispezzjona l-vettura ta’ l-assikurat taghhom.  Din l-ispezzjoni saret u abbazi tar-rakkomandazzjonijiet tieghu saru t-tiswijiet necessarji fejn dbiddel il-mudguard ta’ quddiem tax-xellug

Il-konvenut qieghed jghid illi peress illli l-mutur tieghu strah fuq il-mudguard, m'ghamilx dawn it-tipi ta' hsarat. Il-Qorti pero' ma tiddubitax li fil-fatt saru l-hsarat lamentati mill-atturi. Ir-ritratti esebiti f'dawn l-atti, kif ukoll id-deskrizzjoni tal-hsarat kif deskritti fis-*survey* a Fol. 17, huma kompatibbli mad-dinamika ta' dan l-incident.

Ghalhekk, il-Qorti tikkoncedi illi l-hsarat subiti huma rizultat direttament ta' dan l-incident. Ma giex pruvat illi l-vettura kienet involuta f'xi incident iehor li setghu kkawzaw l-istess tipi ta' hsarat u lanqas li l-mudguard kien mizbugh mod iehor, jekk mhux bi *spray* kif titlob is-sengha u l-arti.

Ghal dak illi jirrigwarda l-"quantum" pero', l-Qorti tirrileva illi fl-Avviz qeghda tintalab is-somma ta' mitejn u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm296.65). Irrizulta pero', illi d-danni subiti kienu ta' mija u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm196.65), kif ikkonfermati wkoll b'ittra mibghuta lill-konvenut mill-kumpanija assikuratrici (Fol. 21). Dan huwa kkonfermat ukoll mill-Claims Manager tas-socjeta' assikuratrici, Gabriella England, fejn a Fol. 14 xehdet quddiem din il-Qorti li d-danni jlahhqu c-cifra ta' mija u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm196.65). Peress illi l-assikurat taghhom kellu eccess ta' mitt lira Maltin (Lm100), l-assikurat hallas din ic-cifra biex il-*claim* setghet tigi processata. Din il-mitt lira Maltin (Lm100) pero', hija parti minn dawn mija u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm196.65) u mhux jizdiedu ma' l-ammont tat-tiswijiet.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-ammont korrett tad-danni reklamati mis-socjeta' attrici kellha tkun mija u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm196.65) u mhux mitejn u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm296.65).

Il-Qorti ma thossx li l-konvenut huwa gustifikat illi ma jhallasx din ic-cifra kif stabbilita minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma komplessiva ta' mija u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm196.65) rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi CRX 015 u LEL 124, liema danni gew ikkawzati b'rizultat tal-kollizjoni li grat fil-11 ta' Lulju, 2000, fi Triq San Gorg, San Giljan, peress illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur